Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 223/2014

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Josephine Schembri**

**Vs**

**Victor Leone u Rose Marie konjugi Stafrace u Dahir Faiez**

11 ta' Dicembru, 2017.

1. B'sentenza tal-25 ta' April, 2016 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenut Faiez ihallas lill-attrici s-somma ta' €2,263.57 bl-imghax mit-30 ta' Jannar, 2014 bhala danni li saru fil-vettura FBR 364 li kienet assigurata maghha, meta fi-8 ta' Marzu, 2013 waqghet hgiega mill-gallarija tal-apparament numru 5, Rose Marie Building, Triq il-Monsinjur De Piro, Hamrun. It-Tribunal iddecieda li l-kovenut Faiez hu responsabbli ghad-danni gialadarba kien skont l-artikolu 1556 tal-Kodici Civili, *"Il-kerrej ta' bini ghandu jaghmel it-tiswijiet kollha mehtiega barra minn dawk li huma strutturali…"*. Ladarba Faiez kien l-inkwilin allura kellu l-obbligu tal-manutenzjoni u f'dan il-kaz *"…. huwa ragonevoli li jitqies li kien hemm nuqqas ta' manutenzjoni"*.

2. L-aggravju tal-appellant hu spjegat hekk:

*"1. Ma hemm l-ebda prova ta' xi att jew omissjoni da parti tal-appellanti.*

*2.It-Tribunal intilef biex jispjega l-obbligu tal-inkwilin fuq il-manutenzjoni. Strah fuq il-ligi kif emendate u applikabbli ghaz-zmien rilevanti. Imma hemm fattur li t-Tribunal nesa, ghalkemm semma l-fatt fih innifsu. L-intimat Leone stqarr li ma kienx hemm kuntratt bil-miktub ta' kiri. Ergo ma kien hemm l-ebda kuntratt validu ta' kirja wara l-2010, u l-argumenti kollha tat-Tribunal ghalhekk huma fiergha fejn ighid fuq ir-responsabbilta tal-inkwilin. Dan apparti l-kwistjoni tal-manutenzjoni hija fir-rigward tas-sid u l-inkwilin u mhu tinvolvi t-terzi.*

*3.Kien hemm Act of God, jew forza magguri ? Hu ppruvat u mhux kontestat li kien qam rih qawwi. Inkisret hgiega u grat hsara. Issa kieku saret sajjetta, kien ikun act of God ? Kieku nizel dilluvju xita, kien ikun act of God ? Kieku kien hemm uragan jew ciklun ? Leone xehed li kien qam rih qawwi, li ma kinitx smplicement fewga.*

*4. It-Tribunal jistrieh fuq l-argument tal-Artikolu 1042 tal-Kap. 12. Jinghad biss li dan l-artikolu u l-ezenzjoni fih kontenuta tapplika ghall-appellanti ghax hu kien detentur u ma ghamel l-ebda att li kkawza d-dannu".*

3. L-attrici wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. Il-konvenuti l-ohra wiegbu li l-appell ghandu jigi michud u taw ir-ragunijiet ghalfejn.

5. **Fatti**.

i. Il-konjugi Stafrace huma s-sidien tal-appartament 5, Rose Marie Building, Triq il-Monsinjur De Piro, Hamrun.
ii. Il-fond kien mikri lil Faiez. Skont il-konvenut Stafrace ma kienx sar kuntratt, pero' kien johrog ricevuti tal-kera lill-konvenut l-iehor.
iii. Fit-8 ta' Marzu, 2013 waqghet hgiega minn apertura li hemm fil-gallarija miftuha tal-appartament.
iv. Il-hgiega waqghet fuq il-vettura FBR 364 u saret hsara fis-saqaf tal-vettura.
v. Fir-rapport tal-pulizija jinghad:-

> *"Il-pulizija tad-distrett marru fuq il-post fejn gie nnutat xi frak tal-hgieg mal-art fejn kienet ipparkjata l-imsemmija vettura. Sar stharrig fuq il-post fejn* ***irrizulta li mill-gallarija tat-tieni sular tal-proprjeta bl-isem ta' Rose Marie Building kien hemm hgiega wahda tan-naha tal-lemin tal-bieb nieqsa fejn il-bieb gie innutat maghluq****".*

**Konsiderazzjoni.**

6. Ghal dak li jirrigwarda t-tezi tal-appellant li ma kienx hemm kirja ghaliex ma kienx hemm kuntratt bil-miktub, il-qorti tosserva:

   i. Skont l-artikolu 1531A tal-Kodici Civili, b'sehh mill-1 ta' Jannar, 2010, kuntratt ta' kiri ta' immobbli ghandu jkun bil-miktub, u f'kaz li jkollu nieqes wiehed mir-rekwiziti li jissemmew fl-istess disposizzjoni, il-kuntratt ikun null.

   ii. Mill-provi ma rrizultax meta saret il-kirja. Ghalhekk il-qorti mhijiex f'posizzjoni li tghid li ghal dan il-kaz japplika l-artikolu 1531A tal-Kodici Civili. Kien l-imsejjah fil-kawza stess li fit-twegiba ddikjara, *"il-fond kien ghandu b'kera…"*. M'ghandux ikun li fi stadju tal-appell l-appellant jaghti eccezzjoni li tkun ghal kollox inkompatibbli mad-difiza li jkun ressaq fl-ewwel stadju.

7. Mhemmx provi li dak li gara kien minhabba li l-bieb jew tieqa minn fejn waqghet il-hgiega, kellha bzonn it-tiswija, manutenzjoni jew kellu xi difett.

8. Irrispettivament kienx hemm kirja jew le bejn il-konvenuti, l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi li, *"… kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"*.

9. Fis-sentenza ta' din il-qorti **Giovanni Vella et vs Michael Cilia** tat-23 ta' Gunju, 2004 intqal:

   > *"Issa a norma ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Jezistu mbaghad certi presunzjonijiet legali ta' responsabilita` fir-rigward ta' sidien ta' bini bhal dawk ezemplifikati fl-Artikoli 1041 u 1042 tal-istess Kodici. Wiehed necessarjament jifhem li bini jinkorpora fih mhux biss il-gebla izda l-impjanti u nstallazzjonijiet ta' go fih. Huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u nstallazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura li jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta'*

*dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali. Il-mizuri tal-prekawzjoni u tas-salvagwardja ta' dawn il-hwejjeg ghandhom ikunu ritenuti korrelatati mal-ordinarja diligenza. Ghalhekk ma jestendux ghall-konsiderazzjoni ta' mgieba irrazzjonali u 'l boghod minn kull logika tad-dover primarju tad-diligenza.*

*Il-Kodici Civili Taljan jikkontjeni fl-Artikolu 2051 tieghu disposizzjoni espressa li tghid li "ciascuno e` responsabile del danno cagionato della cose che ha in custodia, salvo che provi il caso fortuito".*

*Dan id-dispost gie spjegat mill-Qorti tal-Kassazzjoni illi "in tema di danni cagionato da cose in custodia, l-Articolo 2051 non esonera il danneggiato dell'onere di provare il nesso causale fra cose in custodia e danno, ossia di dimostrare che l'evento si e` prodotto come conseguenza normale della particolare condizione, potenzialmente lesiva, posseduta della cosa, mentre spetta al custode dimostrarne il fortuito" (Cass. 13 ta' Frar 2002, Numru 2075).*

*Huwa desumibbli minn dan illi dimostrat li l-event sehh minn haga taht il-kontroll tal-konvenut, sta imbaghad ghall-konvenut li jipprova minn naha tieghu l-fortuwitu bhala kawza esklussiva, jew bhala konkawza, fil-process tal-produzzjoni ta' l-event dannuz".*

10. Hu minnu li fil-hin tal-incident il-konvenut ma kienx qieghed fil-fond. Madankollu hu evidenti li biex waqghet hgiega mill-gallarija miftuha, gara xi haga. Mir-ritratt a fol. 41 jidhru l-gallariji fil-blokk fejn jinsab l-appartament li tieghu l-appellant kien detentur. Ghall-qorti mhuwiex verosimili li l-hgiega waqghet minn postha meta l-apertura kienet maghluqa. Hu iktar verosimili li l-apertura thalliet miftuha, bir-rih instabtet u l-hgiega nkisret u waqa' l-hgieg fuq il-vettura. Fid-difiza li ppropona quddiem it-Tribunal, il-konvenut argumenta li *"Il-fond kien ghandu b'kera, kien qadim u ilu ma jintuza. It-twieqi tal-hadid u kien hemm fihom is-sadid ukoll u ma kinux jaghlqu sewwa"* (fol. 12). Madankollu l-appellant ma ressaqx provi u ghalhekk it-Tribunal qatt ma seta jilqa' dik l-eccezzjoni.

11. Ladarba l-fond kien taht il-kustodja tal-appellant u l-hsara saret minn oggett li waqa' minn dak il-fond, l-appellant ghandu l-obbligu li jwiegeb ghad-danni li saret fil-vettura ta' Schembri. Kwalsiasi kwistjoni bejn il-konvenuti hi *res inter*

*alios acta* ghall-attrici, u materja li dwarha jridu jaraw bejniethom il-konvenuti u l-appellant.

12. Rilevanti wkoll kif mill-provi jidher li l-appellant kien accetta li jaghmel tajjeb ghal dak li gara. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal dak li xehed Noel Schembri (fol. 46) u l-konvenut Stafrace (fol. 55 u 56). Verzjonijiet li mhumiex kontradetti.

13. L-appellant isostni wkoll li hu ppruvat li dakinhar tal-incident kien qam rih qawwi u nkisret hgiega u grat il-hsara. Dwar dan kull ma ntqal kien mill-konvenut Stafrace li: *"Nghid li dakinhar tal-incident kien hemm rih qawwi"*. Pero' din mhijiex prova bizzejjed li setghet twassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li dak li gara kien minhabba forza magguri. Fil-hin tal-incident Stafrace kien qieghed iz-Zejtun u mhemmx prova tal-forza tar-rih fil-post fejn sehh l-incident. Lanqas mhemm prova li per ezempju saret xi hsara ohra fil-vicinanzi. L-oneru tal-prova kien fuq il-konvenut li fit-twegiba qal: *"Dan kien Act of God, minhabba t-tempesta"*. Prova li ma saritx. Hu fatt maghruf li, *"meta l-akkadut ilmentat ikun konsegwenza ta' azzjoni jew ommissjoni tal-bniedem, din il-linja difensjonali ma tistax tirnexxi"* (**Airmalta plc et vs Malta International Airport plc**, Qorti tal-Appell (Superjuri) tat-30 ta' Settembru, 2016 (ara wkoll **Brian Valenzia nomine vs John Camilleri nomine** Qorti tal-Appell (Superjuri), 27 ta' Gunju, 2003).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.